**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. DONATELLA M. FRENDO DIMECH LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Kumpilazzjoni Nru. 949/15**

**Illum, 29 ta' Marzu, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**-vs-**

**Angelo Tanti detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 421161(M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat Angelo Tanti -

1. Talli fil-lejl bejn is-17 u t-18 ta' Ottubru 2015, minn gewwa barriera fil-limiti tas-Siggiewi
   (i) Ikkometta serq ta' fuel (diesel) ghad-detriment ta' Anthony Camilleri u/jew persuni ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-hin ai termini tal-Artikoli 261(b)(f), 263(a), 264(1), 270 tal-Kap.9 ta' l-Ligijiet ta' Malta;

(ii) Volontarjament hassar, ghamel hsara u/jew gharraq hwejjeg ta' haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' hsara fuq diversi katnazzi, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (€250) bi ksur tal-artikolu 325(1)(c) tal-Kap.9 ta' l-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba titratta ma Angelo Tanti bhala recidiv ta' sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbiddlu u dan ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 ta' l-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfjacentement ippruvati. It-tieni imputazzjoni izda, hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tieghu li hija prova tal-karattru refrattarju tieghu minn fejn jirrizulta illi l-imputat diga instab hati ta' reati simili bhal dawk li illum jinsab akkuzat dwarhom, kif ukoll tal-Pre-Sentencing Report fejn partikolarment jinghad li l-vittma ma ghandhiex xi interess partikolari rigward is-sentenza li ghandha tingahta fil-konfront tal-imputat. In oltre johrog cjar li kagun tal-hajja xejn felici li qabad l-imputat hu primarjament il-vizzju tax-xorb u li ghalhekk l-imputat jinhtieg kura aggressiva w immedjata sabiex jeghleb l-istess vizzju.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(f), 263(a), 264(1), 270, 289 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien tlett (3) snin.

A tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Anthony Camilleri w l-familja tieghu u l-postijiet iffrekwentati minnhom, ghal zmien tlett (3) snin skont id-digriet anness.

Inoltre a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega kemm biex jeghleb il-vizzju tax-xorb kif ukoll kwalunkwe ghajnuna psikologika jekk tirrizulta li hija mehtiega.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu inkwantu ghall-Ordni ta' Trattament.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation u l-Parole.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**